dawk l-innijiet tiżdied daqsxejn ta' tagħrifa li tgħid li dak l-innu hu xogħol Malti, u kif u meta nħoloq.

U hekk għamilt; u ma għaddiex żmien wisq u s-Sinjurina Liverani wieġbet b'ittra sabiħa fejn fissret il-ferħ tad-Diretturi li fl-aħħar saru jafu min huma l-awturi ta' l-innu "T'Adoriam Ostia Divina". U qaltli li dak l-innu kienu ġibuh minn Palermu u kienu għamlu kemm setgħu biex hu jsir popolari, bħalma tassew kien sar popolari f'Ruma u f'naħiet oħra ta' l-Italja. U biex turini li hi xtaqet twieġeb ukoll għax-xewqa tiegħi, fil-ħarġa ta' "L'Amico dei Pargoli" ta' Marzu, 1932, u fil-ħarġa ta' "Tarcisio" ta' April, 1932, il-wieħed u l-ieħor organi tal-Paġġi tas-Sagrament, ġiebet din it-tagħrifa: "C'informano da Valletta che l'inno popolare 'T'adoriam Ostia Divina' che si canta dai Paggi d'Onore di Roma, non che in altri centri d'Italia e fuori, fu musicato dal valente maestro G. Caruana e si eseguì per la prima volta nell'occasione del Congresso Eucaristico Internazionale tenuto a Malta nel 1913."

U li dan l-innu hu popolari fl-Italja, jidher minn dan li kitibli Mons. Pawlu Galea minn Ruma fit-12 ta' Ġunju, 1936, meta saret it-tifkira tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li kien sar hemmhekk sittax-il sena qabel: "Monsinjur, ma ngħidlekx il-gost li ħadt, x'ħassejt meta smajthom ikantaw it-'T'adoriam' tiegħek. Kien ikantaha kulħadd: il-kleru (il-mijiet), dawk ta' l-Azzjoni Kattolika, il-bniet ta' l-Istituti, miġburin hawn u hemm bil-mijiet, lebsin kollha l-abjad, bl-istar tal-filoxx fuq rashom, bil-bandalori u l-kannestrijiet tal-ward: kien ikantaha kulħadd u ma nkunx nigdeb jekk ngħidlek li kienet il-kanzonċina preferita."

U li dan l-innu mżejjen bil-mużika ħierġa mill-qalb imħeġġa tas-surmast Ġużeppi Caruana daħal fil-qalb ta' kull min jifhem xi jfisser is-Sagrament ta' l-Ewkaristija u xi jfissru l-Kungressi Ewkaristiċi Internazzjonali jidher minn dan, illi sewwa fl-oriġinal bit-Taljan u sewwa fit-traduzzjonijiet f'ilsna oħra, tkanta bl-akbar entusjażmu fil-Kungressi Internazzjonali kollha li ġew wara tagħna.

Għalhekk Malta li tat lil Ġesù Ostja din il-warda li xenxlet u qabdet fil-ġonna ewkaristiċi tad-dinja kollha għandha tassew biex tithenna.



# WARD L-IMHABBA

*Ta'* DUN FRANS CAMILLERI

***Lil*** VICTOR APAP,
*sieħbi fil-kitba Maltija.*

Fi ġnien sabiħ li jħaddar biss mal-ħdura
ħġejjeġ ta' ward imfewħa,
daħal ferħan, ħaddejh ħawħiet bil-ħmura,
żagħżugħ il-ġmiel biex jaqta' warda waħda:
'mma ried jagħżilha sbejħa
għal dik li jħobb li m'hix mill-ġmiel imċaħħda.

U ġera bin l-imħabba fejn daħkana
sejħulu l-ward żeffiena;
u resaq ħdejhom miż-żegħil għatxana
ta' subgħajh ħelwa u qal: Jien nieħu miegħi
il-warda sbejħa u ħelwa
li tfisser dak li tħobb l-imħabba tiegħi.

U kif qal hekk, it-Tulipan ħamrani,
li kien jissemma' wieqaf,
daħak mal-fewġa. Imma ż-żagħżugħ daħkani:
Jisraqni ġmielek, qallu, iżd'għax magħluqa
ma nifhimhiex lil qalbek,
u nibża' l' hija wkoll ma tħobbx egħluqha.

Xħin rafa' ħarstu s-sbejħa 'l fuq quddiemu
lemaħ, bħall-kwiekeb, qtajja'
ta' Ġiżimin. U xħin stennew lil kliemu,
kien ġa sa jaqta' waħda, imbagħ'd qalilha:
Ġmiel ma jonqsokx u mħabba;
'mma int tmut mat-triq, w hi ma ssibekx tidħkilha.

U biss minn hemm ġibditu Warda ħamra,
mimlija, u dlonk kellimha:
Bħalek ma rajtx fil-ġnien. Int biss fil-kamra
tidħol ta' mħabbti: il-ġmiel jagħnik u l-fwieħa.
Trid tħobbok dik li tħobbni,
w int tħobbha xħin tar'ha għax hi sabiħa.